# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 151/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Melvin Galea**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Melvin Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 521888M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Lulju, 2015 għall-ħabta tad-9:30hrs u fi ġranet qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Has Saptan, Għaxaq:

1) Ħa jew prova jieħu xi għasafar, matul l–istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar u dan bi ksur tar-Reg 18 (1) (Ċ) L.S.504.71

2) Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg 12 (1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat , L.S. 504.71;

3) Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew prova jikkaċċja, jieħu jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha ; Reg 4(1) (a) tal-L.S. 504.71;

4) Ukoll talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi ħa jew prova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki (mansab) u dan bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 504.71;

5) Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nasab għall-għasafar selvaġġi liema nsib huwa pprojbit u mhux awtorizzat b'deroga u dan bi ksur tar-Reg 8 (1) tal-L.S. 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti u kkundannatu għal multa ta' elfejn ewro (€2,000) kif ukoll issospendietlu l-liċenzja għal tliet snin u kkonfiskatlu l-esebiti.

Rat ir-rikors ta' Melvin Galea, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha (1) tirrevoka u tħassar s-sentenza appellata stante nullita', (2) sussidjarjament, tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok s-sentenza suċitata tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi, salv kull provvediment ieħor, xieraq u opportun;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata orginarjament b'zewg gravami: wiehed dwar in-nullita tas-sentenza u l-iehor dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fl-udjenza tat- 3 ta' Mejju, 2018, l-appellant irtira it-tieni aggravju rigward il-piena u zamm ferm fuq l-ewwel aggravju;

2. Dan l-aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hi nieqsa minn rekwiżit li jwassal għan-nullita' tal-istess sentenza senjatament li l-ewwel Qorti ma indikatx dwar liema imputazzjoni kienet qed issib htija. In sostenn tal-argument tieghu, l-appellant iccita is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Angus Buhagiar 280/2013 tal-20 ta' Mejju, 2015. L-ilment tal-appellant ma huwiex wiehed fondat ghaliex is-sentenza tghid car u tond li: "Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] kif dedotti". Igifieri sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u ma tistax din il-Qorti tifhem kif l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma ddikjaratx ta' x'hiex kienet qed issib htija u jekk kienitx qed issib htija ta' l-imputazzjonijiet kollha jew le. Fil-kawza citata mill-appellant gara proprju dak minnu lamentat izda fil-kawza tieghu is-sejbien ta' htija kien inekwivokabilment dwar l-imputazzjonijiet kollha. Din il-lanjanza ghalhekk ma tistax tkun akkolta;

3. Din il-Qorti, izda, qed tissolleva hi stess in-nullita tas-sentenza appellata ghal-raguni diversa. Is-sentenza tal-ewwel Qorti in atti a fol 30 u 31 la hi iffirmata mir-Registratur tal-Qorti wisq anqas mill-Magistrat decident. Il-firma tal-Maġistrat tinsab biss fuq il-komparixxi taht il-kliem "Multa €2000 / Konfiska esebiti / sospensjoni licenzja 3 snin, li certament ma tissodisfax r-rekwiżiti ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fis-sentenza **Pulizija vs Gesmond Sant,** Numru 265/2013, deciza fid-19 ta' Frar, 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi sentenza li torbot il-partijiet trid tkun maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti: "*Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Maġistrat, jibqgħu biss appunti għall-informazzjoni tiegħu. Is-sentenza illi tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja uffiċċjali illi toħroġ mingħand id-Deputat Reġistratur, taħt il-firma tiegħu biss. Il-Maġistrat m'għandux għalfejn jiffirma l-kopja uffiċċjali. Dan 'l għaliex l-istat legali jkun intlaħaq mid-Deputat Reġistratur u mhux mill-Maġistrat pero, jekk il-Maġistrat jagħżel li jiffirma ma jagħmel xejn ħażin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Reġistratur*".

5. F'dan il-każ, id-Deputat Reġistratur ma ffirma l-ebda kopja u dan ifisser li ma hemmx kopja uffiċċjali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-16 ta' Marzu, 2016, konsegwentement tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett. Din il-Qorti ghalhekk ser tgħaddi biex tiddeċidi dwar il-mertu ai termini tal-Artikolu 428 (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta izda qabel dan jokkorri jkun precizat illi wiehed mill-effetti ta' din in-nullita' issa ifisser illi l-aggravji fir-rikors tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet (**Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech)**, izda l-appellant ma ressaq ebda aggravju ghaliex ma kellux jinstab hati mill-ewwel Qorti. Ghalkemm ukoll ma huwiex il-kaz f'dan l-appell, tajjeb li jkun mfakkar ukoll illi id-decizzjoni mill-gdid

issir dwar dawk l-imputazzjonijiet fejn instabet htija u mhux fejn kien hemm liberatorja (**Pulizija vs Karmenu Attard App Krim 28.4.1995**) u l-Qorti mhix marbuta mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u din tista ukoll tkun anqas jew aktar minn dik erogata (**Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 App Krim**).

6. Il-provi mressqa kienu s-segwenti: B'affidavit tiegħu **PS 1141 Noel Tanti** jiddikjara li Fiona Burrows li taħdem mal-C.A.B.S. kienet infurmathom li kien hemm mansab armat ġewwa l-inħawi ta' Ħas –Saptan Għaxaq u riedet turihom eżatti fejn kien qiegħed. Meta waslu fuq il-post huwa sab mansab armat fuq għadira ilma u meta daħal ġewwa sab lil Melvin Galea rieqed. Huwa infurmah li l-mansab kien tiegħu u ma żarmahx għax ma kellux ċans. PS 1141 iċċekja jekk kienx hemm bird caller imma rriżulta fin-negattiv u talbu biex ifaqqa' u jżarma l-mansab. Is-sur Galea faqqa l-molla tal-mansab mill-kamra fejn kien rieqed u żarma x-xibka;

7. **PC 451 A Bugeja**, jikkonferma fl-affdavit tiegħu li kienu iltaqgħu ma' Fiona Burrows fl-area u kienu sabu l-mansab u f'kamra ma' ġenb il-mansab kienu sabu lil Galea rieqed. **Fiona Burrows** xehdet quddiem din il-Qorti li hija ma ratx persuna tonsob, kull ma setgħet tara kif jirriżulta mir-ritratti esebiti huwa l-mansab armat. Hija tiddeskrivi x-xbieki miftuħin, b'decoy t'għasfur biex jattira għasafar oħra u għasfur ieħor ħaj fil-viċin.

8. Mill-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti jirriżulta li s-Sur Galea faqqa' l-mansab mill-kamra fejn kien rieqed, iġifieri ħaġa li seta' jagħmilha faċilment sew qabel u x-xogħol tiegħu ma kien qed ikun ta' ebda ostaklu biex iżarma kollox. Jidher ċar li għalkemm ma nstabux bird callers kif jirriżulta mill-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti, l-intenzjoni tas-Sur Galea kienet li

jonsob, il-mansab kien armat u kellu kemm *decoys* tal-plastik u kif ukoll ħajjin biex jattiraw għasafar oħra. Ir-regolament 2 tal-L.S 504.71 jipprovdi li "*tieħu" u "teħid" tfisser li tieħu mis-selvaġġ skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.* Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Paul Grech u Carmel Farrugia[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:-

*"kif ġie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l-espressjoni "tipprova tieħu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib, ma tirreferix għan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodiċi Kriminali. Huwa biżżejjed biex persuna tkun qed "tipprova tieħu" għasfur li hija jkollha lest l-apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex, appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem ieħor, anke jekk ma jitfaċċa ebda għasfur papabbli għan-nasba, iżda jkun hemm apparat suffiċjenti għall-insib – u f'dan il-każ, għall-insib ta' speċi partikolari ta' għasfur, cioe' pluviera – dik il-persuna tkun qed tipprova tieħu". Issir referenza f'dan is-sens għas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Joseph Vella, 1/9/1995 u Il-Pulizija –vs- Joseph Cini, 15/7/2005."*

9. Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat r-Regolamenti 12 (1), tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat L.S. 504.71 u Regolamenti 4 (1)(a), 7 (1) (e),8(1), 18 (1) (ċ) tal-L.S. 504.71, qed issib l-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal multa kumplessiva ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), tordna l-konfiska tal-esebiti u tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht ir-regolamenti LS504.71 (illum 549.42) u taht it-Taqsima

[1] Deċiża 25 ta' Awwissu 2008

XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu ta' sentejn mill-lum.